**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump 668/00***

***Pulizija***
***Sp. Geoffrey Azzopardi***
***v***
***Jonathan Calleja***

Illum 02 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Jonathan Calleja huma bazati fuq ir-reati ta' **Tentattiv ta' Ferita Gravi**, **Ferita ta' natura hafifa**, u Ksur tad-disposizzjonjiet tal-**Kapitolu.65.**

***Kwadru tal-Fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fil-lejl ta' bejn it-18 u 19 ta' Awissu 2000 waqt li Louis Debono u hatnu Paul Sammut, flimkien mal-familja taghhom, kienu qedin l-Gnejna limiti tal-Mgarr, sehh incident bejnhom u bejn l-imputat li kien fil-kumpanija ta' zaghzagh ohra. F' dan l-incident l-imsemmi Louis Debono sofra griehi ta' natura hafifa.

Illi l-incident origina meta l-imsemmi Paul Sammut mar flimkien mal-mara tieghu go bar sabiex jiehu kikkra te'. Hemmhekk kien hemm grupp ta' zaghzagh, fosthom l-

imputat, li kienu qed jghidu diskors baxx. L-istess Paul Sammut meta sema dak id-diskors gibdilhom l-attenzjoni sabiex ma jitkellmux hekk peress li hu kien mal-familja tieghu. Jidher li sar xi battibekk bejniethom, izda l-incident waqaf meta Paul Sammut qabad u telaq il-barra.

Illi meta dana mar lura fejn kien hemm Louis Debono vicin il-van tieghu flimkien mal-familja tieghu, dana deher li kien skonvolt u rrakkonta x' gara. Circa hames minuti wara, ghaddew l-istess zaghzagh bil-mixi minn hdejhom u ghaddew xi diskors indirizzat lejn Sammut. Sussegwentment dawna tfaccaw fil-karrozza fuq indikata, ghaddew xi rimarki lejn Sammut u l-persuni li kienu mieghu, u telghu l-fuq, izda hin minnhom ghamlu xi sinjali oxxeni minn gol-karrozza.

Dak il-hin Louis Debono qallhom *"ieqfu, ieqfu ha naraw ghaliex qed taghmlu hekk" (deposizjoni Paul Sammut).* L-imputat li kien issewwieq, irriversja l-karrozza u waqaf, u Louis Debono mar jigri fid-direzzjoni taghhom. Dan lahaq il-vettura u meta kellu idu gol-karrozza l-imputat saq bir-rizultat li Debono baqa' jitkaxkar u jigri mal-vettura ghal ftit tal-hin; izda l-vettura telqet.

Illi sussegwentement l-imputat rega' nizel bil-karrozza bi speed u laqat lill Louis Debono bir-rizultat li ghamillu ferita ta' natura hafifa f' idu. Skond dan, meta raw hekk huwa u martu tefghu gebla fid-direzzjoni tal-karrozza u din intlaqtet fil-pilastru; izda jidher li l-imputat baqa' sejjer.

***<u>L-imputat</u>***

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat ta l-verzjoni tieghu tal-fatti. F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li din il-versjoni hija inverosimili u inkompleta. Di fatti, fuq certu fatti ta' natura determinanti ghal dan il-kaz, l-imputat ma setghax jghati spjegazzjoni ta' x' kien ghamel u rrisponda li kien infixkel u ma kienx jaf x' kien qed jghamel.

L-imputat ammetta li kien xorob izda ma kienx fis-sakra.

In fine qal li kien jiddispjacih ta dak li kien ghamel.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi f' dan il-kaz jikkonfigura ir-reat ta' **Tentattiv ta' Offiza ta' natura gravi** fuq il-persuna ta' Louis Debono ai termini tal-Artikolu 41 u 216 tal-Kap.9. Il-Qorti tosserva li meta l-imputat nizel bil-vettura tieghu bi speed qawwi fid-direzzjoni ta' Louis Debono li minn naha tieghu kellu iwarrab minn nofs sabiex ma jweggax serjament, l-imputat immanifesta l-intenzjoni specifika li jwegga serjament u b'mod gravi lill Debono. Dan ma sehhx unikament minhabba l-fatt li Debono lahaq zar minn nofs, izda xorta intlaqat pero' ssubixxa ferita ta' natura hafifa.

Illi fl-imsemmi reat jinsab assorbit ir-reat ta' **Offiza ta' natura hafifa** fuq il-persuna.

Illi pero' l-fatti kontenuti fl-akkuzi (3), (4) u (5) bazati fuq ir-reati kontemplati fl-Artikoli 15A u 15B tal-Kap.65 ma jirrizultawx

Illi l-Qorti tosserva li dan huwa kaz klassiku fejn il-bluwa u l-ksuhat tal-imputat u shabu l-ohra wasslet f' incident li setgha kellu konsegwenzi aktar serji milli fil-fatt sehhew. Minn naha l-ohra, pero' il-Qorti - minghajr ma tezonera bl-ebda mod lill-imputat mir-responsabilitajiet tieghu - tosserva li l-komportament ta' Louis Debono ma kienx ta' bniedem ghaqli fic-cirkostanzi tal-kaz, *multo magis* meta jigi kkunsiderat il-fatt li dana kellu mieghu l-mara u t-tfal. Il-Qorti qed tghid dan, ghax mill-provi jidher li l-incident ipprecipita meta l-istess Louis Debono waqa' ghal provokazzjoni tal-imputat u shabu u mar ghas-sodisfazzjon. Din il-konsiderazzjoni ghandha relevanza ghall-finijiet ta' piena.

***Piena***

Illi l-azzjoni tal-imputat hija serja u zgur timmerita piena karcerarja. Ma hemm ebda gustifikazzjoni ghall-fatt li dana mexxa l-vettura tieghu bi speed qawwi fid-direzzjoni ta' persuna ohra b' riskju kbir li seta' korrih gravament jekk mhux addirittura qatlu.

Mill-banda l-ohra pero' il-Qorti tikkonsidera s-segwenti fatturi bhala mitiganti l-piena, u li wassluha ghall-fehma li ghandha tapplika l-Artikolu 28A Kap.9

1. Il-**fedina penali nettissima** tal-imputat.
2. L-**eta' tieghu** fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat (18 il-sena).

3. **Ic-cirkostanzi** li pprecipitaw l-incident.

Illi l-Qorti ser tordna l-iskwalifika tal-licenzja ghal certu zmien u l-konfiska tal-vettura bl-isperanza li l-imputat jirrifletti ahjar u jirrealizza l-gravita' tal-azzjonijiet kriminuzi tieghu fil-konfront ta' Louis Debono.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi (1) u (2) u (3), u wara li rat l-Artikoli 17, 41 b' referenza ghall-Artikolu 216, u l-artikolu 221 tal-Kap.9 tikkundannah ghall-piena ta' ***sena prigunerija sospiza ghal tnax il-xahar*** ai termini tal-artikolu 28A tal-istess Kap. Inoltre, tordna ***l-konfiska tal-vettura Mini Minor BAU534*** (dok.GA5); u ***tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal-zmien sentejn*** a tenur tal-Artikoli 23 u 30 tal-Kap.9.

Ma ssibux hati tal-kumplament tar-reati addebitati lilu u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***